MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 237/1999/1

**Patricia Stellini**

**vs**

**John Stellini**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 u 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi minhabba s-sevizzi u l-mohqrija da parti tal-konvenut zewgha l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-istess zwieg issa tkisser b'mod irrimedjabbli;

Illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta'

digriet moghti fis-16 ta' Dicembru 1998 - Digriet numru 1549/98 (Dok. “A”);

Illi miz-zwieg ta' bejniethom huma kellhom zewgt itfal jisimhom Christopher ta' hmistax-il (15) sena u Ritianne ta' hdax-il (11) sena;

Illi perrnezz tal-istess digriet fuq imsemmi l-Qorti Civili Sekond Awla ordnat li l-ulied minuri tal-partijiet jigu mghoddija fil-kura u l-kustodja tal-attrici;

Illi inoltre l-Qorti Civili Sekond Awla kienet ordnat permezz tad-digriet 1549/98 *"li d-dar matrimonjali tkun ir-residenza tar-rikorrenti (attrici) u l-ulied minuri ad esklusjoni tal-intimat (konvenut) li ghandu xahar zmien mill-lum biex jallontana ruhu mill-istess dar matrimonjali. Dan il-provvediment qieghed jinghata anke in vista li l-intimat hedded lir-rikorrenti bl-uzu tal-vjolenza fil-presenza tal-istess Qorti."*

Illi cio nonostante l-konvenut baqa’ jabita fl-istess dar matrimonjali;

Illi inoltre l-attrici tixtieq li l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi likwidata u li lilha tigi restitwita l-beni parafernali taghha;

Illi l-istess attrici talbet ghalhekk li l-istess konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Stellini minhabba tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tafda f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja legali tat-tfal minuri Christopher u Ritianne;

3. Tordna li l-imsemmi John Stellini jigi kkundannat ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmija uliedha minuri dik ir-rata alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet tal-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

4. Tordna li kemm *pendente lite* kif ukoll wara li l-kawza ghas-separazzjoni tinqata', id-dar matrimonjali tkun ir-residenza tal-attrici u tal-ulied minuri ad esklusjoni tal-konvenut u dan a tenur tal-**artikoli 46 u 55A tal-Kodici Civili**;

5. Tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Stellini u tillikwida l-istess u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bl-opera ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar biex jircievi l-att opportun;

6. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla ta' din l-istess Qorti kontra l-konvenut li minn issa ghandu jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Settembru 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Deborah Huber bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; u tal-21 ta' Marzu 2000;

Rat in-nota tal-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2000;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti giet nfurmata li l-konvenut kien ser jipprezenta rikors biex jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat ir-rikors tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Novembru 2000 fejn Dr.Leslie Cuschieri ghall-konvenut nforma lill-Qorti li l-partijiet kienu kwazi waslu ghas-separazzjoni konsenswali u talab ghalhekk li f'dan l-istadju ma jigix degretat ir-rikors

tieghu tas-6 ta' Novembru 2000; tal-4 ta' Dicembru 2000; tat-13 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001; tal-25 ta' Settembru 2001; tat-23 ta' Jannar 2002; tat-12 ta' April 2002; u tad-9 ta' Ottubru 2002 fejn Dr Jean Pierre Scerri ghall-attrici nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Huwa talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-konvenut msejjah tlett darbiet baqa' ma deherx. Il-Qorti pprefiggiet 20 jum biex l-istess konvenut jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bin-notifika/visto tal-kontro-parti li jkollha 20 jum biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Jannar 2003.

Rat in-nota tal-attrici .

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi **l-attrici** spjegat li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Lulju 1982 u sa mill-bidu taz-zwieg kien hemm problema ta' flus ghall-manteniment; kif ukoll sesswalment ghax hu kien jevita li jkollhom relazzjonijiet intimi, anzi kien ighidilha *"jekk trid taf fejn trid tmur, il-Gzira."* Illi hu kien dejjem jipprova jsib xoghol ta' bil-lejl, skond hi, biex jiskarta lit-tfal u lilha. Mill-bidu taz-zwieg il-konvenut mar jahdem ma' habib tieghu, proprjetarju ta' Guest House, illum mejjet. Lil din il-persuna hadha l-"*honeymoon"* maghhom flimkien ma' zewg tfajliet ohra fil-flat u hi ssostni li dan il-habib tieghu kien dejjem jipprova jtellef ir-relazzjoni bejnha u l-konvenut. Ftit ta' zmien ilu, l-konvenut qalilha li kellu x'jaqsam sesswalment ma' dan il-habib tieghu ghalkemm issa jinnega li qal hekk.

Illi hija xehdet li r-ragel ma jiehux interess fit-tfal u sallum meta qaltlu biex jara lit-tfal fil-*weekend* qalilha le ghax fihom ix-xoghol. Jekk jitolbuh xi flus jibghathom ghand ommha. L-attrici spjegat illi fil-bidu taz-zwieg kien kwiet *"basta jiehu li jrid u jitlaq 'il barra".* Izda wara li kellhom it-

tieni tarbija beda jsawwatha. Huwa kien iffissat li hi kellha relazzjoni extra-maritali mas-superjur tal-Muzew u ma' qassis. Inoltre' xehdet li hu kemm-il darba heddidha pero' hi la qatt ghamlet rapporti mal-Pulizija u lanqas marret ghand tabib. Hija tibza' hafna minnu u jekk ikun gewwa d-dar hi tohrog 'il barra u tmur ghand hutha illi jghixu fuqha.

Illi fl-ewwel lok dwar id-dar matrimonjali din mhiex proprjeta' taghhom izda ta' omm l-attrici Concetta Muscat u huma qatt ma hallsu xi kera jew flus ghaliha. Illi ghalkemm b'digriet tas-Sekond'Awla giet ordnata li hi u t-tfal ighixu gewwa d-dar konjugali, ad eskluzjoni tar-ragel, sallum ghadu jghix fiha huwa. Hi qalet li hu johrog mid-dar fit-8.00a.m. u jidhol fid-9.00p.m. ghax jaghmel gurnata shiha barra. Hija qed torqod ghand hutha fuq; it-tifla torqod ghand ommha l-Marsa u t-tifel jorqod mal-missier.

Illi l-attrici pprezentat prospett li jelenka l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti (Dok "DB 2" a fol. 38 sa 40 tal-process).

Illi **Christopher Stellini**, iben il-partijiet, xehed li missieru jagixxi proprju ta' mignun ghax isawwat lil ommu bla ebda raguni u jhedded lilu u lil ohtu kemm-il darba. Huwa kkonferma li missieru kien jakkuza lil ommu li kellha relazzjoni mas-Superjur tal-Muzew u ma' Patri u dan ghalkemm ma kienx minnu. Huwa xehed li missieru la jhobb lilu u lanqas lil ohtu anzi dejjem warrabhom. Missieru ma jahdimx u ilu snin twal hekk allavolja ghandhom hanut il-Furjana. Il-konvenut qatt ma jkun id-dar u jaghmel gurnata shiha barra. Qabel, il-gurnata kien iqattaghha fil-kumpanija tal-habib tieghu llum mejjet. Hu xehed li missieru qal fil-presenza tieghu li kellu relazzjoni sesswali ma' dan ir-ragel. Illi pero' anki wara li din il-persuna mietet missieru xorta baqa' jkun djjem barra. Peress li ohtu w ommu jibzghu mill-konvenut huma jorqdu ghand in-nanna u z-zija rispettivament imbaghad kif jitlaq missieru jirritornaw lura.

## <u>(B) APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>

Illi fl-ewwel lok jidher li l-konvenut ipprova permezz ta' rikors jitlob li jiggustifika l-kontumacja tieghu, izda dwar dan il-punt ma tressqu l-ebda prova mill-istess konvenut, li anke talab li l-istess Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess rikors f'certu mument tal-kawza peress li l-partijiet kienu qed jittransigu, pero' wara li din il-Qorti giet informata li l-istess transazzjoni ma sehhietx, l-istess konvenut xorta ma ressaq ebda provi dwar it-talba tieghu, u ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' provi, tichad it-talba tal-konvenut sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Illi inoltre l-Qorti tirrileva li nonostante li l-konvenut kien mistieden sabiex fit-terminu moghti jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet tieghu skond il-ligi huwa wkoll naqas li jaghmel dan, u ghalhekk din il-Qorti sejra taghddi sabiex taghti d-decizjoni dwar il-mertu tal-azzjoni attrici.

Illi dwar il-mertu wara li l-Qorti rat il-provi prodotti tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba r-ragunijiet imputabbli principalment lill-konvenut.

Illi dan ghaliex irrizulta mix-xhieda li hu la manteniment ma kien ighaddilha u la kien ifittixha sesswalment. Jidher li ma kienx hemm wisq komunikazzjoni bejniethom tant li hu kien jaghmel granet shah barra. Illi ghalkemm saru certu allegazzjonijiet dwar relazzjoni tieghu ma' persuna ta' l-istess sess din ma gietx ippruvata. Illi pero' gie ppruvat li hu kien vjolenti maghha u dan anki kif xehed Christopher Stellini fl-affidavit tieghu. Inoltre' l-attrici nnifisha, kif korroborata mix-xhieda ta' binhom, hi tibza' minnhom meta huwa jkun fid-dar matrimonjali tant li hi tmur torqod ghand hutha u t-tifla l-minuri ghand nannitha. Jinghad ukoll li l-istess konvenut sfida l-istess digriet tal-Qorti biex jizgombra mid-dar matrimonjali. Irrizulta li sfortunatament huwa ma kien jiehu l-ebda nteress fit-tfal u ghadu s'issa ma jidhirx li ghandu nteress jibni relazzjoni maghhom.

**<u>(C ) KURA U KUSTODJA TAL-MINURI.</u>**

Illi l-partijiet fil-kawza ghandhom zewgt itfal – Christopher illum huwa maggorenni u ghalhekk jibqa' biss il-minuri

Ritianne. Illi permezz tad-digriet tas-16 ta’ Dicembru 1998 fuq rikors tal-istess attrici s-Sekond’Awla afdat il-kura u l-kustodja tal-istess minuri lilha. Din il-Qorti ma thossx li hemm xi raguni ghaliex ghandha tbiddel din id-decizjoni u kwindi tafda l-kura u kustodja tal-bint minuri Ritianne f’idejn l-attrici.

**(D) MANTENIMENT.**

Illi dwar it-talba ghall-manteniment sabiex il-konvenut jigi kkundannat ghall-hlas ta’ manteniment ghall-istess attrici u ghat-tfal minuri taghha. L-attrici ma resqitx prova li l-konvenut prezentement qieghed jahdem, kif lanqas ma resqet prova dwar il-bzonnijiet taghha. Illi ghalhekk din it-talba ma tistax tintlaqa’ pero’ qieghed jigi riservat lilha li hija tvanta tali dritt jekk u meta l-konvenut jibda jahdem u jippercepixxi xi ntrojtu.

**(E) DAR MATRIMONJALI.**

Illi dwar id-dar matrimonjali rrizulta li din ma tappartjenix lilhom. Din il-proprjeta’ tappartjeni lil ommha Concetta Muscat. Kwindi fir-rigward ta’ dan il-fond din il-Qorti tikkonferma dak deciz mis-Sekond’Awla fid-digriet moghti fis-16 ta’ Dicembru 1998 (Digriet Numru 1549/98) cioe’ li d-dar matrimonjali ghandha tkun ir-residenza tar-rikorrenti (attrici) u wliedha ad eskluzjoni tal-konvenut. Illi min-nota pprezentata mill-attrici rrizulta li l-konvenut gie mkecci mid-dar konjugali permezz ta’ mandat ta’ zgumbrament fl-atti tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u m’ghadux ghalhekk jabita fid-dar matrimonjali.

**(F) KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.**

Illi l-hames (5) talba attrici tikkoncerna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi min-nota pprezentata mill-attrici fl-10 ta’ Dicembru 2002 irrizulta li l-partijiet ftehmu li l-mobbli kif elenkati f’Dok. “A” (a fol. 39 u 40 tal-process) ghandhom jigu assenjati lill-attrici. B’hekk din il-Qorti tassenja l-istess lilha kif ukoll tassenjalha l-kcina u l-kamra tas-sodda. Inoltre’ tordna li l-hanut il-Floriana ghandu jinbiegh b’licitazzjoni u mir-rikavat il-fondi jitqassmu nofs

b'nofs bejn il-partijiet. Din il-Qorti inoltre tassenja l-kamra tal-Marsa lill-konvenut.

Illi l-attrici ddikjarat fin-nota li l-investiment barra minn Malta diga' gie maqsum bejn il-partijiet u l-vettura Mitsubishi hadha l-konvenut. Illi b'hekk fir-rigward taghhom il-mertu hu ezawrit.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tichad it-tielet talba attrici biss dwar il-fissazzjoni ta' alimenti, ghalkemm jibqa' jreggi d-dritt taghha u ghall-minuri ghall-istess u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** fis-sens biss hawn premess b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Stellini minhabba htija da parti tal-konvenut li huwa hati ta' sevizzi u mohqrija verso l-attrici u ghalhekk il-hajja konjugali ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli;

(2) Tafda l-kura u l-kustodja ta' binthom minuri Ritianne f'idejn l-attrici salv li jibqa' impregudikat id-dritt ta' access ghall-konvenut ghal l-istess minuri jekk u meta jintalab minnu, liema talba ghandha tigi dejjem ikkonsidrata fl-interess suprem tal-istess minuri;

(3) Tichad din it-talba ghall-fissazzjoni ta' manteniment ghall-attrici u ghall-minuri biss ghar-raguni li l-konvenut illum ma jahdimx u ma ngabu l-ebda provi li ghandu xi ntrojtu kwalunkwe b'dan pero' li jigi dikjarat li l-istess attrici u l-minuri ghandhom dritt ta' manteniment kontra l-istess konvenut, u ghalhekk qieghed jigi riservat lill-attrici f'isimha u f'isem l-istess minuri d-dritt illi jekk u meta l-konvenut jibda jahdem u jippercepixxi xi ntrojtu hija jkollha d-dritt li tipprocedi gudizzjarjament kontrih ghall-hlas ta' retta alimentari ghaliha, jekk jigi ppruvat li f'dak l-istadju ghandha l-istess dritt ghar-retta alimentari, kollox skond il-ligi;

(4) Tilqa’ r-raba’ (4) talba u tordna li d-dar matrimonjali ghandha tkun ir-residenza tal-attrici u tal-ulied minuri ad eskluzjoni tal-konvenut u dan a tenur tal-**artikoli 46 u 55A tal-Kodici Civili;**

(5) Tilqa’ l-hames (5) talba u tillikwida w ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b’effett immedjat, u tordna ghar-ragunijiet fuq moghtija illi s-segwenti assi jigu assenjati lill-attrici a saldu ta’ sehemha mill-komunjoni, konsistenti l-istess assi assenjati lill-attrici fi:-

(i) Il-mobbli elenkati f’Dok. “A” u Dok “DB 2” biss a fol.39 u 40 tal-process).

(ii) Kamra tas-sodda; u

(iii) Kcina;

(iv) L-investimenti barra minn Malta li gja gew assenjati lill-attrici bi ftehim bejn il-partijiet kif indikat fin-nota attrici tal-10 ta’ Dicembru 2002.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li min-naha l-ohra s-segwenti assi jigu assenjati lill-konvenut a saldu ta’ sehmu mill-komunjoni konsistenti:-

(i) Kamra l-Marsa li tiswa approssivament hamest elef lira (Lm5,000).

(ii) Il-vettura Mitsubishi skond kif miftiehem abbazi tan-nota attrici datata 10 ta’ Dicembru 2002.

(iii) L-investimenti barra minn Malta li gja gew assenjati lill-konvenut bi ftehim bejn il-partijiet kif indikat fin-nota attrici tal-10 ta’ Dicembru 2002.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-hanut il-Floriana jinbiegh b’licitazzjoni u mir-rikavat il-fondi provenjenti mill-istess jitqassmu nofs b’nofs (50% - 50%) bejn il-partijiet.

(6) Tapplika kontra l-konvenut l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap.16).**

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**8 ta' Jannar 2003.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**8 ta' Jannar 2003.**